VERŻJONI ELETTRONIKA



*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta Nru. 19,579, 24 ta' Mejju, 2016*
*Taqsima B*

**A.L. 183 tal-2016**

## ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
## (KAP. 327)

### L-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għad-Diploma in Gender, Work and Society – Dip. GWS – taħt il-patroċinju taċ-Ċentru ta' Studji dwar ix-Xogħol bil-kollaborazzjoni tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikoli 74(5) u 75(6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn l-ordinamenti magħmulin mill-Bord taċ-Ċentru ta' Studji dwar ix-Xogħol bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu skont l-artikolu 6 (b)(v) tal-Istatut għaċ-Ċentru u li ġew approvati mis-Senat tal-Università ta' Malta:

**It-Titlu u l-Interpretazzjoni**

1. (1) Dawn l-ordinamenti jistgħu jissejħu bħala l-Ordinamenti tal-2016 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sa l-Ewwel Grad, 2004 għad-Diploma in Gender, Work and Society – Dip. GWS - taħt il-patroċinju taċ-Ċentru ta' Studji dwar ix-Xogħol bil-kollaborazzjoni tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà.

(2) F'dawn l-ordinamenti, sakemm il-kuntest ma jeħtieġx mod ieħor -

"il-Bord" tfisser il-Bord taċ-Ċentru ta' Studji dwar ix-Xogħol;

"il-Bord tal-Istudji" tfisser il-Bord tal-Istudji maħtur mis-Senat għall-Kors, fuq ir-rakkomandazzjonijiet tal-Bordijiet taċ-Ċentru ta' Studji dwar ix-Xogħol u tal-Fakultà għat-Tisħiħ tas-Soċjetà;

"iċ-Ċertifikat" tfisser is-Certificate in Gender, Work and Society – Cert. GWS;

"id-Diploma" tfisser id-Diploma in Gender, Work and Society – Dip. GWS;

"il-Kors" tfisser il-programm ta' studju li jwassal għad-Diploma in Gender, Work and Society – Dip. GWS; u

VERŻJONI ELETTRONIKA



"ir-Regolamenti Prinċipali" tfisser ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004.

**L-Applikabilità**

2. Dawn l-ordinamenti għandhom japplikaw għall-korsijiet li jibdew f'Ottubru 2016 jew wara.

**Ir-Rekwiżiti għad-Dħul**

3. (1) Biex ikunu rreġistrati bħala studenti regolari fil-Kors, l-applikanti għandhom jissodisfaw ir-rekwiżiti ġenerali għad-dħul kif speċifikati fir-Regolamenti għad-Dħul tal-Università.

(2) L-applikanti li jidħlu skont il-paragrafu (ċ) tar-regolament 6 tar-Regolamenti għad-Dħul għandhom ikollhom il-kwalifiki u l-esperjenza li jissodisfaw lill-Bord tal-Istudji, permezz ta' intervista, li huma laħqu l-livell akkademiku meħtieġ biex isegwu l-Kors bi profitt.

(3) L-applikanti li jidħlu skont il-paragrafu (2) ta' dan l-ordinament għandhom ikunu għaddew minn test ta' proficjenza fl-Ilsien Ingliż kif approvat mill-Università qabel ma jidħlu fil-Kors, sakemm li l-applikanti li għandhom iċ-Ċertifikat tal-Edukazzjoni Sekondarja bi Grad 5/il-Livell Ordinarju tal-GCE bi Grad C jew ogħla fl-Ingliż jew grad ta' "Għadda" fl-istess livell fi kwalifika komparabbli, għandhom ikunu eżentati milli joqogħdu għat-test ta' proficjenza.

**It-Tul tal-Kors**

4. Il-Kors jinfirex fuq perijodu ta' sentejn ta' studju fuq bażi *part-time*.

**Il-Programm ta' Studju**

5. Il-programm ta' studju għandu jinkludi taqsimiet studju li għalihom hemm assenjati 60 krettu ECTS.

6. Suġġett għal tibdiliet li l-Bord jista' jagħmel, bl-approvazzjoni tas-Senat, l-istudenti huma meħtieġa li jsegwu t-taqsimiet studju u jiksbu l-kretti kif indikat fil-programm ta' studju għall-Kors.

7. L-istudenti jitħallew ikomplu bil-Kors jekk itemmu b'suċċess l-ewwel sena ta' studju *part-time* b'marka medja globali ta' mill-anqas 60%.

8. L-istudenti li jtemmu b'suċċess it-taqsimiet studju tal-ewwel sena tal-Kors (li għalihom hemm assenjati 32 krettu ECTS), iżda li (a) ma jiksbux marka medja ta' 60% jew aħjar; jew (b) jagħżlu li ma jkomplux il-Kors; jew (ċ) ikomplu għat-tieni sena tal-Kors iżda ma jtemmuhix b'suċċess, ikunu ntitolati għall-għoti taċ-Ċertifikat.

VERŻJONI ELETTRONIKA



9. Il-programm ta' studju jkun ippubblikat wara l-approvazzjoni tas-Senat, normalment mhux anqas minn tmien xhur qabel il-bidu tal-Kors.

**Il-Klassifikazzjoni tar-Rikonoxximent**

10. (1) Għall-iskop tal-klassifikazzjoni tad-Diploma, l-evalwazzjoni globali tal-livell milħuq fil-Kors minn kull student tkun ibbażata fuq ir-riżultati miksuba f'kull sena tal-Kors, bil-kretti kollha jingħataw piż indaqs.

(2) L-ismijiet tal-istudenti li jikkwalifikaw għall-għoti tad-Diploma għandhom ikunu ppubblikati f'lista f'ordni alfabetiku kklassifikata kif ġej:

Għadda b'Distinzjoni
Għadda b'Mertu
Għadda.

**It-Tħassir**

11. l-Ordinamenti tal-2005 skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji sal-Ewwel Grad, 2004 għad-Diploma in Social Studies, ippubblikati bħala Avviż Legali 247 tal-2005, għandhom jitqiesu li spiċċaw mill-1 ta' Ottubru 2016, iżda l-istudenti rreġistrati għal dan il-kors qabel l-1 ta' Ottubru 2016 għandhom ikomplu jkunu regolati mill-ordinamenti li kienu jgħoddu fiż-żmien meta bdew il-kors.